# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-23 ta Frar 2022

**Rikors Numru : 264/2021JPG**

**Kawza Numru : 28**

**BM**

**vs**

**CM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BM, datat 22 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax ta' April tas-sena elfejn u tmienja (12/04/2008) (Ara Dok 'A') anness) u kellhom wild, SM, illi twieled f'X, u li ghalhekk ghadu minorenni;*
>
> *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mid-dsatax ta' April tas-sena elfejn u sittax (19/04/2016) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, kopja legali ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*
>
> *Illi ai termini tal-istess kuntratt, ir-rikorrent irrinunzja ghad-dritt tieghu li jitlob jew jircievi manteniment minghand il-konvenuta, filwaqt illi l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt illi titlob manteniment minghand ir-rikorrent (Ara Dok 'B' klawsola 4), u ghaldaqstant m'hemmx arretrati jew manteniment dovuti f'dan ir-rigward;*

*Illi skont dak regolat fil-kuntratt (Ara Dok 'B' klawsola 6), il-manteniment patwit ghall-wild SM dejjem thallas u ghaldaqstant m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward tal-wild tal-partijiet f'dan l-istadju;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom iktar minn hames (5) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi r-rikorrent qieghed jikkonferma l-fatti kontenuti f'dan ir-rikors permezz ta' affidavit, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C';*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimata ippresentat l-affidavit taghha fit-8 ta' Frar 2022;

Rat illi l-partijiet kif assistiti stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BM xehed** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-12 ta' April 2008 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech nhar id-19 ta April 2016. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghal aktar minn hames (5) snin. Di piu' ddikjara li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**CM xehdet** (vide fol 22 et seqq.) u kkonfermat u korroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' April 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 306/2008 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat id-19 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech(vide Dok. B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 306/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**